MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 78/2005

**Borg Transportation Limited**

**Vs**
**Benelux Holdings Limited**

**Il-Qorti:-**
Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta rikorrenti nhar il-hdax (11) ta' Frar 2005 fejn talbet lil Qorti tikkundanna is-socjeta ntimata thallasha s-somma t'erbat elef tmien mija erbgha u hamsin lira maltin u zewg centezmi (LM4,854.02) rapprezentanti parti mill-bilanc ta' prezz ta' zejt, *diesel* u *kerosene* mibjugh u kkonsenjat lilha mis-socjeta rikorrenti fil-lukandi 'Island International', Promenade Road, Bugibba u 'Limelight Hotel' fi Triq Gulju, Bugibba, u dan kif jirrizulta mill-prospett esebit u mmarkat (Dok. BT 1 u BT 2) u dan oltre l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.
Nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont anke permezz ta' prospetti regolari li ntbaghtu lilha, apparti li baqghet inadempjenti, sahansitra tawha cekkijiet li gew ritornati mill-Bank lis-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata li hija ngunta ‘n subizzjoni.
Rat in-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta ntimata li eccepiet bir-rispett is-segwenti:-
1. Illi ‘n linea preliminari hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li la tezisti u lanqas qatt ezistiet relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta attrici u dana sahansitra kif jirrizulta mill-istess *statements* li gew esebiti mal-avviz promotorju.

2. Illi ‘n effetti ghandu jigi rilevat li s-socjeta ntimata la qatt xtrat u wisq anqas qatt ordnat xi forma ta’ *fuel* minghand s-socjeta rikorrenti, liema xiri u/jew ordnijiet setghu semmai saru mis-socjetajiet li kienu joperaw il-lukandi ndikati fl-avviz stess.

3. Illi kwantu ghar-referenza li saret fl-avviz dwar cekkijiet illi gew ritornati mil-Bank lis-socjeta rikorrenti, li l-imsemmija cekkijiet kienu gew kollha onorati billi gew imsarfa ghand il-lukandi koncernati u dana kif jirrizulta mill-istess *statements* esebiti.
4. Illi huwa ben risaput li l-fatt illi terz jeffettwa pagament ghan-nom ta’ debitur, ma johloqx relazzjoni guridika bejn it-terz u l-keditur ghall-ammont intier, izda unikament limitatament ghall-ammont li jkun qed jigi saldat w ghaldaqstant, il-fatt li s-socjeta ntimata setghet harget xi cekkijiet favur is-socjeta rikorrenti, ma jammontax ghar-relazzjoni guridika li setghet taghti lok ghall-kawza odjerna.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta rikorrenti pprezentata nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Mejju 2009, li permezz taghha, hija pprezentat tlett affidavits li gew immarkati bhala Dok. BT 1, BT 2 u BT 3 rispettivament.
**Claude Fenech** fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. BT 1 jghid li huwa *chartered insurer* u li joffri l-assistenza tieghu lis-socjeta rikorrenti, ghalkemm impjegata taghha m’huwiex. Jghid li sa fejn jaf hu, s-socjeta ntimata ghandha zewg lukandi u cioe ‘International’ u ‘Lime Light’. Jghid li pero fir-*records* tas-socjeta rikorrenti, ghalkemm

dawn iz-zewg lukandi jappartjeni lill-istess persuna, dawn jidhru fuq zewg *entries* separati sabiex b'hekk, is-socjeta rikorrenti, tkun taf x'inhu l-bilanc dovut minn kull kumpanija. Jghid li din hija decisjoni amministrativa biss u jaghmlu hekk, sabiex ikunu certi x'konsenji jaghtu lil kull kumpanija.

Jghid li huwa kemm il-darba gibed l-attensjoni tas-socjeta rikorrenti sabiex tiehu passi kontra is-socjeta ntimata sabiex isiru l-pagamenti dovuti, izda pagament qatt ma sar. Jghid li fil-fatt kien hemm okkazzjonijiet fil-passat, fejn is-socjeta ntimata ghamlet pagamenti permezz ta' cekkijiet li gew ritornati lura mill-Bank.

**Adrian Bianchi,** *manager* tas-socjeta rikorrenti**,** fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. BT 2 jikkonferma li ilu f'din il-posizjoni ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Jghid li apparti x-xoghol tieghu fl-ufficcju, huwa jghaddi hafna hin fuq barra jissupplixx iz-zjut u *fuel* lill-klijenti tal-kumpanija. Jghid li kemm il-darba kellu okkazzjoni jissupplixxi lill-lukandi 'Limelight' u 'International' b'*kerosene* u *diesel*. Jghid li hafna drabi kienu jhallsuh *cash* izda gieli kienu jibghatulu cekkijiet sabiex jaqtghu l-ammont pendenti. Jghid li l-klijenti huma is-socjeta ntimata li hija sid iz-zewg lukandi msemmija minnu. Jikkonferma li huwa qatt ma sema' li dawn iz-zewg lukandi kienu qed jigu operati minn terzi persuni. Huwa minn dejjem kien taht l-impressjoni li n-negozju kien mas-socjeta ntimata tant li kien hemm hafna okkazzjonijiet meta l-pagament sar tramite cekk minn taghha.

**Joseph Borg** ukoll xehed bl-affidavit esebit u mmarkat bhala Dok. BT 3. Jikkonferma li huwa d-Direttur tas-socjeta rikorrenti, liema socjeta hija wahda mid-distributuri ewlenin taz-zejt, *diesel* u pitrolju hawn Malta. Jghid li l-kumpanija ilha f'dan in-negozju ghal bosta snin u kien minn dejjem jissupplixxi bosta lukandi b'mod regolari fosthom dawk tas-socjeta ntimata. Jghid li fil-bidu ma kienx ikollu probelemi ghaliex is-socjeta ntimata kienet thallas *cash,* izda kien hemm zmien meta kienet thallas permezz ta' cekkijiet u whud minnhom ma kienux jissarfu, kif jidher mill-kopji tac-cekkijiet esebiti u mmarkati bhala Dok. JB 1 sa JB 8.

Mistoqsi jekk in effetti ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta ntimata jghid, li huwa minn dejjem maghha ttratta

u qatt ma ttratta mal-lukandi msemmija aktar ‘l fuq b’mod separat u distint minn din is-socjeta ntimata. Jghid li meta hu kien staqsa min kien il-propretarju ta’ dawn iz-zewg lukandi, gie mgharraf li kienet is-socjeta ntimata. M’huwiex minnu dak li qalet is-socjeta ntimata li hemm operaturi diffrenti mis-socjeta ntimata, izda mistoqsi jispjega ‘l ghala l-*accounts* huma f’ismijiet differenti, jghid li jaghmlu dan sabiex ghar-*records* taghhom ikunu jafu x’bilanc hemm dovut minn kull lukanda. Ikkonferma li l-konsenja tal-*fuel* kienet tmur ghand dawn iz-zewg lukandi msemmija izda kienet dejjem is-socjeta ntimata li hallset u dan ghal snin shah.

Rat ic-cekkijiet esebiti u minn ezami taghhom jirrizulta li fil-fatt is-socjeta ntimata, kienet thallas b’mod regolari lis-socjeta rikorrenti u dan tul medda ta’ snin minn 2002 sa 2004.

Rat ukoll li mit-tmintax (18) t’Ottubru 2006 ‘l quddiem din il-kawza kienet giet imhollija ghall-provi tas-socjeta ntimata pero ghal xi raguni jew ohra, nonostante d-diversi seduti li gew appuntati ghal dan il-ghan, ghandu jinghad li is-socjeta ntimata naqset li tghamel dan w illum ghalhekk, din il-kawza, tinsab differita ghas-sentenza fuq il-provi mressqa.

Ikkunsidrat:-

Illi minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta ntimata qed tikkontesta l-valur ta’ dak dovut lis-socjeta rikorrenti, izda qed tghid li m’ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti u li is-socjeta ntimata messha fittxet lill-lukandi direttament. Hija qalet fl-eccezzjoni taghha, li anke l-*accounts* mizmuma mis-socjeta ntimata stess jindikaw li effetivament l-intimat nomine m’ghandux relazzjoni mar-rikorrent nomine.

Il-Qorti ghalhekk, ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti u bdiet billi ezaminat l-*invoices* mehmuza mar-rikors, minn fejn jirrizulta bla ombra ta’ dubbju, li verament l-*account holders* tal-kontijiet li ghandha is-socjeta rikorrenti, ma jghajjtux lis-socjeta ntimata. Il-Qorti pero mbaghad semghet lid-Direttur tas-socjeta ntimata Joseph Borg jghid li dan isehh sabiex is-socjeta rikorrenti tkun f’posizzjoni ahjar sabiex tara x’bilanc ghandu kull klijent. Joseph Borg jghid li huwa ilu *distributor* ghal diversi snin w ilu jikkonsenja l-*fuel* ghal zmien twil fil-fatt ighid li anke lis-

socjeta ntimata ghamlet snin twal tikkonsenjalha *fuel* kif del resto jirrizulta minn ezami tac-cekkijiet esebiti fl-atti. Jirrizulta minn ezami taghhom li almenu sa mis-sena 2002 sas-sena 2004 is-socjeta rikorrenti kkonsenjat *fuel* b'mod regolari u s-socjeta ntimata assumiet r-responsabilita sabiex thallas ghal konsenji. Huwa minnu li talvolta l-hlasijiet li ghamlet ma kienux jghaddu mill-ewwel.

Jirrizulta mill-provi prodotti li s-socjeta rikorrenti qatt ma giet mgharfa li l-klijent taghha ma kienitx is-socjeta ntimata, izda kienu zewg lukandi separati. Adrian Bianchi jghid li s-socjeta ntimata hija sid il-proprjeta tal-lukandi fuq imsemmija u dan il-fatt qatt ma gie kontestat minn hadd. Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkuntrarja dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti. Huwa minnu li c-cekkijiet mahruga mis-socjeta ntimata wahedhom ma ifissrux li l-istess socjeta ghandha relazzjoni mas-socjeta rikorrenti, izda mghaduda flimkien mal-provi kollha l-ohra prodotti, jwasslu lil din il-Qorti temmen li fil-fatt is-socjeta ntimata ghandha relazzjoni mas-socjeta rikorrenti u li hija debitrici taghha.

Il-Qorti taqbel ma dak li qalet is-socjeta ntimata fir-raba eccezzjoni taghha u cioe li l-fatt li terz jaghmel pagament ghal xi debitur, ma jfissrx li qed jaghmel relazzjoni guridika maghha, pero zgur hija ndikattiva li ghandha x'interess.

Dan hu dak li ghamlet din il-Qorti u rat x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejn is-socjeta ntimata u l-lukandi msemmija u dak li rrizultaha kien, li s-socjeta ntimata hija sid iz-zewg lukandi msemmija.

Illi s-socjeta ntimata ma ressqet l-ebda prova dwar is-sorte sabiex tikkontesta t-talbiet rikorrenti.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata u takkolji t-talbiet rikorrenti u konsegwentement qed tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hdax il-elf, tlett mija u tmin euro u wiehed w ghoxrin euro centezmi (€11,308.21) ekwivalenti ghal**

**erbat elef tmien mija erbgha u hamsin lira maltin u zewg centezmi (LM4,854.02).**

**L-ispejjez u l-imghax jithallsu skond il-ligi mis-socjeta ntimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------